TRIBUNAL GĦAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 379/10

**Thomas Pellicano**

**vs**

**Compex Co. Ltd.**

Illum 16 ta' Mejju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-11 t'Ottubru, 2010 fejn ir-rikorrenti talab danni t'għaxar ewro (€10), rappreżentanti prezz ta' ċertifikat li skond ir-rikorrenti ma kellux iħallas għalih.

Is-soċjeta' intimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa attenda kors tal-ECDL u fl-aħħar tal-kors intalab iħallas għaxar ewro (€10) sabiex jingħata ċ-ċertifikat, li skond ir-regolamenti jgħidu illi meta tixtri *skills card* ma tħallasx għaċ-ċertifikat.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet li l-i*skills card* ma nxtratx mingħandhom u għalhekk kien obbligat li jħallas l-għaxar ewro (€10).

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet u ra r-regolamenti, jinnota li r-rikorrenti ma xtarax l-i*skills card* mingħand is-soċjeta' intimata għalhekk mhuwiex intitolat għal ċertifikat b'xejn.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**